# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem:** ___________________________ **Klassi:** _________________

ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 30 | 4 | 5 | 8 | 11 | 14 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

### L-AMBULANZA




Ismagħha! Donnha ġejja xi ambulanza! Ħalli nersaq fil-ġenb malajr u nħalliha tgħaddi. Araha kif għaddiet sparata! Naħseb li ġrat xi ħaġa gravi. (*par. 1*)

Kos hux. Tgħid fl-antik meta ma kienx hawn karozzi x'kienu jagħmlu? Ħeqq, kif tistgħu timmaġinaw, eluf ta' snin ilu n-nies ma kellhomx ix-xorti li għandna llum. Sptarijiet ma kontx issib u tobba lanqas. Fil-fatt fl-antik in-nies kienu jmutu ta' eta' ferm iżgħar minn ta' llum. Biż-żmien beda jsir titjib fil-mediċina u bdew jinfetħu l-ewwel sptarijiet. Iżda jekk ma kontx tgħix viċin l-isptar ma tantx kellek ċans li tasal ħaj jekk kien ikollok xi ħaġa gravi. Karozzi ma kinux jeżistu u l-aktar mezz veloċi li bih stajt tmur lejn xi sptar kien fuq xi karettun miġbud minn xi żiemel. Min jaf il-morda u l-feruti kif kienu jaslu mfarrkin imsieken, bl-iskossi li kienu jieħdu huma u għaddejjin minn dawk it-toroq imħarbtin! (*par. 2*)

Fis-seklu ħmistax, waqt gwerra, dehret l-ewwel forma ta' ambulanza. Minħabba li waqt il-ġlied kienu jkunu bosta s-suldati feruti, inħass il-bżonn li ssir xi ħaġa biex jitnaqqsu l-imwiet. Għalhekk inħolqot l-ambulanza. Din ma kienet xejn ħlief tinda li fiha kien ikun hemm dak kollu li wieħed kien ikollu bżonn biex idewwi lill-feruti. Il-vantaġġ li kellha din l-ambulanza kien li setgħet tintrama viċin il-kamp tal-battalja. (*par. 3*)

Waqt gwerra oħra ġie ivvintat bħal karettun b'żewġ roti li kien ikun mgħammar b'dak kollu li kien hemm bżonn għall-kura tas-suldati, u li seta' jittieħed ħdejn il-feruti. Dan kien avvanz kbir għax għall-ewwel darba, flok il-feruti kienu jittieħdu għall-għajnuna, l-għajnuna kienet tmur għandhom. (*par. 4*)

Illum mhux talli għandna ambulanzi attrezzati ħafna, talli għandna ħelikopters, vapuri u ferroviji li jservu bħala ambulanzi. Dawn kollha jgħinu biex fejn hu possibbli tiġi salvata l-ħajja ta' dawk li jkunu fil-periklu li jitilfuha. (*par. 5*)

Għandna ħafna għalfejn nirringrazzjaw 'l Alla ta' dawn il-mezzi kollha u fejn nistgħu għandna ngħinu lil dawk li jaħdmu biex iħarsuna. Qatt m'għandna niċċajtaw u nċemplu lis-servizzi ta' l-emerġenza għalxejn għax jista' jkun li xi ħadd ikollu bżonn dik l-ambulanza li tkun ħarġet bla bżonn. Jekk tassew jinqala' l-bżonn li nċemplu, ngħidu lill-adulti biex iċemplu għall-għajnuna u ma ndumux ma narawha ġejja mill-art, mill-baħar jew mill-ajru skond il-bżonn. (*par. 6*)

(addattament minn kitba ta' ***Robert Attard***)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Skond l-awtur għaliex kienet għaddejja sparata l-ambulanza?

______________________________________________________________________(1)

2. X'jgħid l-awtur li kien jiġri lin-nies fl-antik?

______________________________________________________________________(1)

3. Fl-antik liema kien l-aktar mezz veloċi li bih wieħed seta' jmur lejn l-isptar?

______________________________________________________________________(1)

4. Meta dehret l-ewwel forma ta' ambulanza?

______________________________________________________________________(1)

5. Semmi żewġ mezzi ta' trasport li llum jintużaw bħala ambulanza.

a. ______________________ b. ______________________ (2)

6. Għaliex qatt m'għandna niċċajtaw u nċemplu għall-ambulanza bla bżonn?

______________________________________________________________________(1)

7. Din is-silta hi mibnija fuq:

żmien ☐ spazju ☐ ħin ☐

(1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (30 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. ***Din*** *ma kienet xejn ħlief tinda (par. 3)*

   Il-pronom dimostrattiv ***din*** qiegħed jirreferi għall- ______________________ . (1)

2. *li jkunu fil-periklu li jitilfu**ha** (par. 5)*

   Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **ha** fil-verb ***jitilfuha***? ______________________ (1)

3. Mill-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu sib u ikteb żewġ kelmiet li juru li l-vjaġġ lejn l-isptar ma kienx komdu.

   a. ______________________ b. ______________________ (2)

4. Fl-ewwel sentenza tas-sitt paragrafu, l-awtur qiegħed jitkellem:

fl-ewwel persuna singular ☐ fl-ewwel persuna plural ☐ fit-tieni persuna singular ☐ (1)

## (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

Mis-silta sib il-kliem li jfisser l-istess bħal:

1. serja (*par. 1*) ______________________________
2. dari (*par. 2*) ______________________________
3. il-fortuna (*par. 2*) ______________________________
4. ħtieġa (*par. 6*) ______________________________ (4)

## (iii) SINTASSI / SENTENZI

1. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża l-kelma **u**.

a. In-nies ma kellhomx ix-xorti li għandna llum. Sptarijiet ma kontx issib u tobba lanqas.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

b. Għalhekk inħolqot l-ambulanza. Din ma kienet xejn ħlief tinda li fiha kien ikun hemm dak kollu li wieħed kien ikollu bżonn biex idewwi lill-feruti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. Ikteb is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira:

Karozzi ma kinux jeżistu u l-aktar mezz veloċi li bih stajt tmur lejn l-isptar kien fuq xi karettun.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Mir-raba' paragrafu sib u ikteb:

a. żewġ partiċelli magħżulin ________________ ________________

b. partiċella magħquda ma' l-artiklu ________________

ċ. partiċella mqassra ________________ (4)

2. Imla skond kif mitlub/a.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-maltempata _______________ is-siġar kollha. | ***Verb kwadrilitteru*** fil-perfett mill-għerq ħ-r-b-t. |
| 2. | Ħija ta' spiss ________________ rasu tuġgħu. | ***Verb trux*** fl-imperfett mill-għerq ħ-s-s. |
| 3. | Kollox __________________ mar-riħ. | ***Verb dgħajjef*** fil-perfett mill-għerq t-j-r. |
| 4. | Il-bieraħ tlajna fuq il-bejt. ______________ | ***L-għerq*** tal-verb tlajna. |
| 5. | Reġgħu _________________ mitt ktieb ieħor. | Verb fil-perfett ***miż-żokk morfemiku*** stamp. |

(5)

3. Kompli dan ir-reklam billi tikteb kliem flok in-numri.

**ĠITA FANTASTIKA TA' (9) ______________ IJIEM**

**DESTINAZZJONI: LONDRA**

**DATA:** Mit- (8) ________________ sas- (17) _______________ ta' Awissu.

**PREZZ:** mija u (49) _______________ u ________________ lira Maltija.

**TĦALLUX GĦALL-AĦĦAR!**

(5)

4. Ehmeż il-pronom skond kif għandek fil-parentesi.

Hekk kif Pawlu fetaħ (l-għajnejn tiegħu) ______________ ħass (ir-ras tiegħu) _______________ ddur bih. Ipprova jinżel minn (is-sodda tiegħu) ___________ iżda ma felaħx jgħolli rasu minn fuq l-imħadda. (3)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

**QWIEL U IDJOMI**

a. Immarka l-idjoma t-tajba biex tagħti sens lis-sentenza.

1. Antonia qatt ma marret imkien waħedha għax dejjem imqabbda:

☐ ma' djul ommha

☐ mal-ħbieb

☐ ma' ħutha.

(1)

2. Meta n-nanna xtaqitli fejqan ta' malajr, ommi weġbitha:

☐ minn fommok 'l ommok.

☐ minn fommok 'l Alla.

☐ minn fommok lit-tabib. (1)

b. Fisser dawn il-qwiel:

1. Tiżloq fin-niexef aħseb u ara fil-miblul. ____________________________________________

____________________________________________ (1)

2. Bin is-sengħa għandu nofsha. ____________________________________________

____________________________________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (5 marki)

Imla l-vojt biex tkompli dawn l-istruzzjonijiet kif tuża prodott tax-xagħar.

1. ____________________________ xagħrek sew b'ilma fietel.
2. ____________________________ tajjeb b'xugaman artab.
3. ____________________________ dan il-prodott fuq xagħrek.
4. ____________________________ joqgħod għal kwarta.
5. Fl-aħħar ________________________ tajjeb bl-ilma kiesaħ.



## E. TIFTIX/TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

Ikteb madwar 50 kelma dwar wieħed mill-***personaġġi*** li fittixt dwarhom fil-proġett ta' din is-sena.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

| | |
|---|---|
| **F. LETTERATURA** | (25 marka) |

(i) **POEŻIJA: NADRIET 2**

a. **GELMUS** *ta' Ġorġ Żammit*

Minn għoljitek, Gelmus, ħadt ġo ħobbi
Xitla sagħtar; saqqejtha bid-dmugħ:
Mhux id-dmugħ li jitnissel mill-ħtija,
Iżda l-biki li jserraħ ir-ruħ.
U bi dmugħi jien nibqa' nsaqqiha
Ja Gelmus, sa ma żmieni jintemm:
Għax fweħitha tnissini li fostna
Isaltan is-semm!

1. Gelmus hu post (f'Malta; f'Għawdex, fl-Italja). ______________________________. (1)

2. Minn Gelmus il-poeta ħa ________________________________________________________. (1)

3. Minn din l-istrofa sib u ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw.

______________________________________________________________________________ (1)

4. Bil-vers qiegħed ***Isaltan is-semm!*** il-poeta qiegħed jirreferi għall-_________________________

______________________________________________________________________________. (2)

b. **AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija minn t'hawn taħt u f'madwar 30 kelma ikteb il-ħsieb tagħha.

| |
|---|
| *Lejl tat-Tfulija* – Ġorġ Borg; *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* – Rena Balzan; *Sjesta Maltija* – Kilin; *Ġunju* – Dun Karm; *Marsaxlokk* – Charles Flores |

L-isem tal-poeżija: ________________________________ ta' ___________________________________.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(6)

(ii) **PROŻA**

***a.*** ***Ħolm tal-Milied?*** – Trevor Żahra

1. F'madwar 50 kelma ikteb dwar id-differenzi li kien hemm bejn in-nanna Franġiska u z-zija Anni.

**JEW**

2. Lin-nanna Franġiska ma kienx jogħġobha żmien il-Milied minħabba xi diżgrazzji li ġraw lill-familja tagħha. F'madwar 50 kelma ikteb dwar xi wħud minn dawn id-diżgrazzji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (8)

***b.*** ***Nies bla Sabar*** - Temi Zammit

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha:

1. Fl-istorja ***Ferħa Bla Temma,*** meta Vitorin kienet tkun trid xi ħaġa (kienet titlobha lil żewġha; tmur tixtriha; kien iħossha ħażin). (1)
2. Franswa` kellu zijuh li kien joqgħod (Ħal Qormi; Ħaż-Żebbuġ; Ħal Kirkop). (1)
3. Fl-istorja ***Nies Bla Sabar*** is-Sur Anġ lill-ewwel bejjiegħ tah (lira; xelin; nofs lira). (1)
4. Meta **Pina** kienet tmur għand in-nies għax-xogħol, magħha ma kinitx tieħu (ġewlaq; muftieħ; maktur). (1)
5. Fl-istorja ***Bieżla u Għaqlija,*** is-Sur Nin talab (lit-tabib; lill-avukat; lill-kappillan) biex isiblu lil xi ħadd biex idur bih. (1)
6. ***Iż-Żewġ Seksieka*** kien jisimhom (Ġanni u Marija; Kelinu u Rożi; Pawlinu u Karmelina). (1)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u fuq karta separata ikteb madwar 200 kelma.

1. L-iskola fejn immur jien.
2. Persuna li tolqotni ħafna: kemm fid-dehra kif ukoll fil-karattru.
3. F'xatt il-baħar f'ġurnata sajfija.
4. Meta kelli nqatta' ġurnata l-isptar.
5. Djalogu bejn tabib/a u pazjent/a.